BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 04/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 24 ta' April 2014 fil-5.30pm.**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 03/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 03/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/04 -* Tressqet talba quddiem il-Kunsill sabiex isir *cat shelter* fi Ġnien Profs. Anton Tabone f'San Ġorġ. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx din it-talba minħabba li diġa hawn żewġ postijiet li hemm *cat shelters* fil-lokal.

*02/04 -* Il-MEPA qed titlob ħlas ta' €6599.75c sabiex tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tal-*masterplan* għall-Bajja s-Sabiħa.

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li titlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex inaqqas l-*area* ta' żvilupp sabiex tonqos l-ispiża.

*03/04* - Għaqda ta' talb talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' tuża t-Teatru Grieg nhar it-13 – 15 ta' Ġunju 2014 sabiex isir talb u tifħir lil Kristu. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni u laqgħet din it-talba.

*04/04*- Wara approvazzjoni mill-MEPA għal tqegħid temporanju ta' *store* fil-Bajja s-Sabiħa, l-applikant talab ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dan il-permess. Wara diskussjoni, l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal dan il-permess bil-kundizzjoni li kemm jista' jkun l-istruttura għandha tersaq lejn in-naħa tal-grawnd tal-futbol. Ukoll l-istruttura għandha tkun ta' materjal u kulur li jikkumplimentaw l-ambjent tal-madwar.

*05/04*- Bħas-snin preċedenti ser tkun qed tittella' '*The Great Spring Show*'. Għal sena oħra il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-esibizzjoni. Il-Kamra qablet li l-Kunsillier C.Muscat ikun responsabbli mill-qoffa ta' ħaxix u frott li l-Kunsill Lokali irid jesebixxi.

*06/04*- Għaqda lokali talbet il-permess tal-Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tuża Wesgħa Carmelo Caruana għal skopijiet ta' *fund raising*, kif ukoll jitpoġġa *container* f'dan l-istess sit. L-għaqda diġa għandha l-approvazzjoni tal-MEPA sabiex isir dan il-*fund raising*. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

*07/04*- Tressqet talba quddiem il-Kunsill sabiex tiġi organizzata *Sprint Triathlon* fit-toroq ta' Birżebbuġa. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni dment li ma tingħalaq l-ebda triq.

*08/04*- Resident, f'isem ir-residenti tax-Xatt ta' San Ġorg, talab lill-Kunsill sabiex jitneħħew il-konki tal-pjanti li jinsabu matul l-istess xatt. Flokhom ir-residenti lesti isebbħu x-xatt bi qsari fejn ir-residenza tagħhom. Il-Kamra faħħret din l-inizjattiva u r-residenti tax-Xatt ta' San Ġorg, jitneħħew il-konki msemmija meta jsebbħu x-xatt bil-pjanti.

## ***<u>AĠENDA -3</u>***

Tressqu fuq il-mejda l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom, għax-xahar ta' Marzu 2014. Minħabba li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi, il-kamra approvat li tħallas is-somma ta' €90,588.11 skont Skeda Nru. 03/14.

## ***<u>AĠENDA -4</u>***

1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv:

- ressqet quddiem il-Kamra is-Sejħa Pubblika Nru.02/14 - Ġbir ta' skart imħallat bieb bieb.

| Name of Tenderer | TND No. | Item No. 1.1 Year 1 | Item No. 1.1 Year 2 | Item No. 1.1 Year 3 | Item No. 1.1 Year4 | Item No. 1.2 Year 1 | Item No. 1.2 Year 2 | Item No. 1.2 Year 3 | Item No. 1.2 Year 4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| WM Environmental Ltd. | 1 | €300 | €300 | €309 | €309 | €289 | €289 | €295 | €295 |
| R & A Waste Services Ltd | 2 | €280 | €280 | €280 | €280 | €275 | €275 | €275 | €275 |
| Joseph & Spiridione Zammit | 3 | €298.07 | €298.07 | €312.97 | €312.97 | €261.30 | €261.30 | €274.36 | €274.36 |
| Northern Cleansing Group Ltd. | 4 | €294.00 | €294.00 | €294.00 | €294.00 | €294.00 | €294.00 | €294.00 | €294.00 |
| Saviour Mifsud | 5 | €255.00 | €255.00 | €265.00 | €265.00 | €255.00 | €255.00 | €265.00 | €265.00 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-kuntrattur Nru. 5, Saviour Mifsud minħabba li kien l-orħos wieħed.

- ressqet fuq il-mejda l-*Financial Statements* 2014 bl-amendi issuġġeriti mill-Awditur tal-Gvern. Il-Kamra approvat id-dokument.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- issuġġerixxa li tkun idea tajba kieku jitnaddfu s-salini ta' quddiem il-Klabb tal-Boċċi f'Wied il-Buni sabiex jitgawdew minn kulħadd.
- staqsa jekk din is-sena hux ser isir *billboard* għall-attivita' ta' Inġeddu Tfulitna. Il-Kamra qablet li għandu jsir sabiex l-attivita' tingħata aktar promozzjoni.
- ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill qed iżomm ħlas inqas milli tgħid il-*legal notice* fuq permessi ta' krejnijiet. L-Aġent Segretarju nfurmat lill-Kamra li ser tiċċekkja fuq dan il-każ.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- ressaq ilment tar-residenti, dak li meta qed jinġabar il-ħġieġ qed jitħalla skart ieħor bħal boroż u kaxxi fit-toroq. Il-Kamra qablet li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jekk dan se jibqa' jsir ser ikollu jitwaqqaf is-servizz.
- talab li minħabba li issa se jinbidel il-kuntrattur tal-latrini pubbliċi, il-*Contracts Manager* għandu jagħmel rapport dettaljat, bir-ritratt ta' kif tkun tħalliet il-latrina. M'għandhomx jinħarġu pagamenti lill-kuntrattur preżenti qabel ir-rapport jindika li n-nuqqasijiet ġew indirizzati. Kulħadd qabel.
- informa l-Kamra li x-xogħol fuq il-bankina fi Triq Zarenu Dalli beda.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- talab li tinġibed l-attenzjoni tas-sanita' fuq il-ħmieġ li hemm fil-parapett ta' dar f'Misraħ is-Summit.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li fil-Bajja s-Sabiħa qed jieqfu vannijiet fin-nofs sabiex iħottu għand tal-ħwienet bil-konsegwenza li qed joħolqu periklu għas-sewwieqa. Il-Kamra qablet li għandu jsir rapport l-għassa.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- talab sabiex is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tistabilixxi data għal *cost cutting meeting*.

- talab sabiex fuq l-aġenda li jmiss għandu jkun hemm inkluż ir-Riforma tal-Gwardjani Lokali

- ġibed l-attenzjoni fuq parkeġġ perikoluż fi Triq Sant'Anġlu kantuniera ma' Misraħ tal-Pajtier. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija sabiex nevitaw periklu fit-toroq tagħna

- talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex għat-tieni sena konsekuttiva jerga' jeħel il-festun fi Triq il-Qajjenza għax-xhur sajfin. Kulħadd qabel.

6. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- reġa' fakkar fir-rigward taż-*zebra crossings* tal-*area* ta' San Ġorg.

- informa l-Kamra li l-Kunsill daħal f'arranġament mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex priġunieri bil-*parole* jibdew jaħdmu fil-komunita'. Kulħadd qabel.

- talab sabiex jitnaddaf il-ġnien ta' Misraħ tal-Pajtier.

7. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- infurmat lill-Kamra li bil-flus mogħtija għall-inizjattiva favur il-qari ser ikunu qed jinxtraw xkaffar u kotba għal-librerija.

- infurmat lill-Kamra li talbet il-Federazzjoni tal-Għaqdiet sabiex jaraw hemmx xi għaqda lokali nteressata torganizza hi, għall-Kunsill Lokali, 'Inġeddu Tfulitna'. Risposta dwar dan għandha tasal sa tmiem din il-ġimgħa.

- infurmat lill-Kamra li l-attivita' ta' Jum l-Omm ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2014 f'San Pawl Hotel.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.00pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2014 fil-5.30pm.

.

**..........................................** **..............................................**

**Joseph Farrugia** **Maria Galea**

**Sindku** **Aġent Segretarju Eżk.**